MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 1274/2000/1

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. bhala cessjonarja tal-portfolio tal-kumpanija estera Sun Alliance u London Insurance p.l.c. u bhala tali bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurata taghha l-kumpanija John's Garage Ltd u l-istess John's Garage Ltd u b'digriet tal-14 ta' Gunju, 2004, Elmo Insurance Ltd bhala surrogata fid-drittijiet tal-assikurata kumpanija John's Garage Ltd assumiet l-atti tal-kawza minflok Elmo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. bhala cessjonarja tal-portfolio tal-kumpanija estera Sun Alliance u London Insurance p.l.c.**

**vs**

**Christopher Formosa u Carmelo Zarb f'ismu stess u ghan-nom ta' Zarb Garage Ltd u b'digriet tad-9 ta'**

**Jannar, 2007 il-Qorti ordnat li l-kawza tghaddi fil-persuna ta' Emanuel Zarb minflok Carmel Zarb li miet fil-mori tal-kawza u li l-atti kollha tal-kawza jghaddu f'isem Zarb Coaches Limited minflok Zarb Garage Limited**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fl-ismijiet fuq indikati datata l-21 ta' Gunju, 2000, fejn l-atturi fuq indikati sintetikament ippremettew is-segwenti:

1. Illi fl-1 t'Ottubru, 1998, sehhet kollizzjoni bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LGY – 042 misjuqa minn John Alvin Doyle izda proprjeta` ta' John's Garage Limited u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GMY – 051 misjuqa minn Christopher Formosa izda proprjeta` ta' Zarb Garage Limited;

2. Illi l-kollizjoni de quo allegatament saret tort u htija tal-konvenut Formosa billi " … baqa' hiereg ghalkemm kellu '*give way sign*' fit-triq …";

3. Illi l-vettura fuq indikata misjuqa mill-imsemmi konvenut Formosa kienet proprjeta` ta' Zarb Garage Limited u assigurata mal-"*Omnibus Pool*";

4. Illi allegatament l-imsemmi Formosa ma kienx munit b'licenzja tas-sewqan biex ikun jista' jsuq il-vettura GMY – 051 fuq indikata;

5. Illi ghalhekk l-imsemmija "*Ominibus Pool*" irrifjutat thallas id-danni kkagunati fl-istess kollizjoni;

6. Illi peress li l-konvenut Carmel Zarb proprio et nomine u sussegwentement il-konvenut Emanuel Zarb proprio et nomine li dahal floku f'din il-procedura skont id-digriet tad-9 ta' Jannar, 2007, dan hu wkoll hekk responsabbli ghall-imsemmija danni stante li ppermetta, ordna u/jew qabbad lill-imsemmi Formosa biex isuq il-vettura fuq indikata nonostante n-nuqqas ta' licenzja mehtiega skont il-ligi biex isuq l-istess vettura;

7. Illi d-danni kkagunati fl-incident de quo jammontaw komplessivament ghal elfejn, disa' mija, sebgha u sebghin Lira Maltin u tnax –il centezmu (LM2,977.12), kif indikat fl-istess citazzjoni promotrici;

Talbu ghalhekk, ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenut Formosa responsabbli ghall-kollizjoni fuq riferita li saret f'Hal-Luqa, u dan, minhabba negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut Formosa;

2. Tiddikjara li l-konvenut Carmel Zarb u kif, sussegwentement sostitwit minn Emanuel Zarb, ghan-nom u in rapprezentanza ta' Zarb Garage Limited, irrenda ruhu responsabbli solidalment lejn l-atturi ghad-danni minnhom subiti;

3. Tikkundanna lill-imsemmija konvenuti proprio et nomine biex ihallsu lill-atturi l-ammont ta' danni fuq indikati kif indirizzati fl-istess citazzjoni promotrici;

4. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittri ufficcjali ndikati fl-istess dokument promotur indikat fil-paragrafu precedenti, u bl-imghaxijiet skont il-ligi mit-13 ta' Settembru, 1999;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-4 ta' Settembru, 2000, li permezz taghha l-konvenuti sintetikament eccepew is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` assikuratrici Elmo Insurance Agency Limited ghandha tipprova l-*locus standi* taghha billi tipprova:

i. Ir-rapprezentanza lilha moghtija mis-socjeta` estera li tirraprezenta;

ii. Ic-cessjoni tad-drittijiet lilha mghoddija;

iii. Is-surroga skont il-ligi;

2. Illi fil-meritu, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi peress li l-eccipjenti m'ghandhom l-ebda rapport guridiku mal-atturi, dawn ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat id-dokumenti ndikati bhala Dok AA u BB a fol 13 u 14 li jevidenzjaw b'mod car u inekwivoku li s-socjeta` attrici Elmo Insurance Agency Limited hi debitament u legalment ir-rapprezentanti lokali tas-socjeta` Royal and Sun Alliance Insurance p.l.c. – haga li ghas-socjeta` eccipjenti ghandha tkun **notorja** minhabba r-relazzjonijiet gudizzjarji numeruzi li z-zewg socjetajiet necessarjament ghandhom ma' xulxin;

Rat is-surroga de quo datata t-18 ta' Dicembru, 1998, a fol 16, immarkata Dok. CC;

Ezaminat ix-xhieda prodotta kif mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Tirrileva li nonostante l-perjodu inordinatament twil li hadet din il-procedura, il-konvenut Christopher Formosa baqa' fi stat ta' kontumacia;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet indikati fl-istess noti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elankati bil-mod segwenti:

Illi skont l-ufficcjal tal-pulizija li kien mar fuq il-post fejn sehh l-incident awtomobilistiku in dizamina u mill-iskizz minnu wkoll redatt, jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-incident de quo sehh fl-1 t’Ottubru, 1998, u hu ndikat mill-istess ufficcjal fl-iskizz tieghu li dan hu ncident li jista’ jigi deskritt bhala “*simple*”, (ara fol 66), haga tassew preokkupanti meta jitqies li dan il-kaz ser ikun ha tnax –il sena (12) biex jigi deciz;

2. Illi skont ir-rimarki migbura mill-imsemmi ufficcjal fir-rapport tieghu, anke wara li a tempo vergine kellem lill-konducenti nvoluti, jirrizulta bl-aktar mod assodat li l-konvenut kontumaci Formosa kien qed isuq “*mini bus”* fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa, Hal-Luqa, mid-direzzjoni ta’ Santa Lucia, fejn hekk kif hareg minn “*give way sign*”, dahal fil-vettura misjuqa mill-attur Doyle fuq indikat, li di piu` jirrizulta wkoll li kien gia fuq ir-“*round about*” fil-mument tal-kollizzjoni, (ara fol 67 a);

3. Illi ghalkemm skont l-istess ufficcjal, kemm il-vettura misjuqa mill-konvenut Formosa kif ukoll l-istess konvenut Formosa kienu licenzjati skont il-ligi (ara fol 63), pero` mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Awtorita` kompetenti, ma jirrizulax li l-konvenut Formosa fil-fatt kellu l-licenzja appozita specifika biex effettivament ikun jista’ legalment isuq il-vettura in dizamina, (ara fol 123);

4. Illi ghalhekk meta l-konvenut Formosa saq il-“*mini bus*” tieghu billi baqa’ hiereg minn fuq “*give way sign*”, jirrizulta bl-aktar mod inekwivoku li kien hu, u hu wahdu, responsabbli ghall-incident de quo;

5. Illi molto piu`, s-socjeta` konvenuta li ppermettietlu jsuq il-vettura in dizamina meta l-istess konducenti konvenut Formosa ma kienx debitament munit bil-licenzja appozita taggrava l-pozizzjoni tal-istess socjeta` konvenuta fuq indikata;

6. Illi di piu`, bhala socjeta` operanti l-“*mini buses*” hi necessarjament koperta mill-“*Omnibus Pool*”, ghalkemm jirrizulta notorjament risaput li r-relazzjoni li tista’ tezisti bejn din il-“*Pool*” u l-operaturi tal-“*mini buses*” tirrikjedi soluzzjoni aktar serja fl-interess tal-utent;

7. Illi in oltre, l-agir tal-istess socjeta` konvenuta hu aktar aggravat tenut kont tal-fatt li ppermettiet xufier isuq il-vetturi taghha meta mhux kopert minn licenzja skont il-ligi, haga tassew ripunjanti u kundannabbli minghajr rizervi;

8. Illi l-“*mini bus*” de quo tirrizulta li kienet debitament assikurata mal-“*Omnibus Pool*” fuq indikata;

Ikkunsidrat:

Illi ghaldaqstant ghandu jkun pacifiku li l-incident in dizamina sehh unikament tort u htija tal-konvenut kontumaci Formosa;

Ghaldaqstant din il-qorti, filwaqt li tiehu konjizzjoni tal-fatt li l-konvenut Formosa hu fi stat ta’ kontumacja u filwaqt li ezaminat l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti fuq indikati u n-nota tal-osservazzjonijiet taghhom, ghar-ragunijiet fuq indikati, tirrespingi l-istess fit-totalita` taghhom u konsegwentement takkolji t-talbiet attrici u allura:

1. Tiddikjara lill-konvenut kontumaci Christopher Formosa unikament responsabbli ghall-kollizjoni in dizamina, u dan, minhabba negligenza, traskuragni, imprudenza u nuqqas t’osservanza tar-regolamenti da parti tieghu;

2. Tiddikjara li l-konvenut Emanuel Zarb ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Zarb Garage Limited, irrenda ruhu responsabbli solidalment lejn l-atturi ghad-danni minnhom subiti stante li mpjega bhala xufier lill-konvenut kontumaci Formosa fuq indikat meta dan ma kienx kopert mill-appozita licenzja ghas-sewqan tal-vettura in dizamina;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fuq indikati komplessivament fl-ammont ta’ elfejn, disa’ mija u sebgha u sebghin Lira Maltin u tnax –il centezmu, (LM2,977.12), ekwivalenti ghal sitt elef, disa’ mija u erbgha u tletin Ewro u tnejn u tmenin centezmu,

(€6,934.82) kif proporzjonatament indikati fl-istess citazzjoni promotrici;

4. Tikkundanna lill-imsemmija konvenuti fuq indikati biex in solidum ihallsu lill-atturi wkoll fuq indikati l-ammont ta' danni hekk likwidati fil-paragrafu precedenti;

5. Bl-ispejjez kif mitluba mill-istess atturi, komprizi dawk tal-ittri ufficcjali minnhom indikati fl-istess citazzjoni, u bl-imghaxijiet skont il-ligi mit-13 ta' Settembru, 1999 kontra l-istess konvenuti fuq imsemmija.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------